StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta

**IR-RABA' SENA** **IR-RELIĠJON** **Il-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ____________________________** **Il-Klassi: ______________**

**Taqsima 1**

**Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi bil-kliem li ssib fil-kaxxa t'isfel.** **(10 marki)**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Monsinjur Professur Pietru Pawl Saydon ittraduċa waħdu l-**Bibbja** kollha.
2. L-awtur ewlieni tal-Bibbja hu ________________.
3. L-aħħar ktieb bibliku hu l-_________________.
4. Wieħed minn ulied Ġakobb kien __________________.
5. Ir-rakkont ta' Adam u Eva nsibuh fil-ktieb tal-______________.
6. Iben Abraham kien _______________.
7. Il-Knisja hija Waħda, Qaddisa, Kattolika, ________________.
8. Is-Sagrament tal-Qrar insejħulu wkoll is-sagrament ta' _________________.
9. "Dan huwa demmi, id-demm tal-_____________ il-ġdid li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-______________.
10. "Dan hu _____________ l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu."

| | | | |
|---|---|---|---|
| Appostolika | patt | Ġenesi | ~~Bibbja~~ |
| Ibni | dnubiet | Rikonċiljazzjoni | Alla |
| Apokalissi | Ġużeppi | Iżakk | |

**Taqsima 2**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** **(15-il marka)**

***(a) Mistoqsijiet dwar il-Bibbja***

1. Kemm-il ktieb hemm fil-Bibbja? (*marka*)

(a) 47 (b) 73 (c) 89

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



2. L-ewwel ħames kotba tal-Bibbja jissejħu (*marka*)
   (a) Il-Pentatewku
   (b) L-Evanġelji
   (c) Il-Koran

3. Il-maġġoranza tal-Kotba tat-Testment il-Qadim huma miktuba (*marka*)
   (a) bil-Grieg
   (b) bil-Latin
   (c) bil-Lhudi

4. Dawk il-kotba li ntlaqgħu bħala kotba ispirati minn Alla nsejħulhom (*marka*)
   (a) Kotba Apokrifi (b) Kotba Pagani (c) Kanoni tal-Kotba Mqaddsa

5. Liema **tliet** kotba minn dawn insibuhom fit-Testment il-Qadim? (*3 marki*)
   (a) L-Eżodu (b) Is-Salmi (c) L-Atti tal-Appostli
   (d) Il-Levitiku (e) L-Ittra lir-Rumani (f) L-Ewwel Ittra lill-Korintin

6. Liema **żewġ** kotba minn dawn insibuhom fit-Testment il-Ġdid? (2 *marki*)
   (a) Il-Ktieb tan-Numri (b) Il-Ġenesi (c) L-Evanġelju skont San Luqa
   (d) Id-Dewteronomju (e) L-Apokalissi (f) Tobit

7. X'kienu dawn il-personaġġi: Iżaija, Ġeremija u Eżekjel? (*marka*)
   (a) Slaten (b) Gvernaturi Rumani (c) Profeti

***(b) Mistoqsijiet dwar ir-rakkont tal-ħolqien u l-waqgħa tal-bniedem fid-dnub***

1. Fir-rakkont tal-ħolqien, in-numru sebgħa jirrappreżenta (*marka*)
   (a) is-sagramenti (b) il-perfezzjoni (c) ix-xogħol

2. Wieħed mill-messaġġi reliġjużi li rridu nieħdu mir-rakkont tal-ħolqien hu (*marka*)
   (a) li Alla waħdu Hu s-Sid ta' kollox u ta' kulħadd
   (b) li Alla ħeles lill-bnedmin
   (c) li Alla ried jikkastiga lil Adam u Eva

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Id-dnub tal-ewwel bnedmin kien dnub )

   (a) ta' serq (b) ta' kelma b'oħra (c) ta' diżubbidjenza

4. Fir-rakkont ta' Adam u Eva, is-siġra tal-ħajja hi simbolu ta' (*marka*)

   (a) ħażen (b) immortalità (c) superstizzjoni

5. Fir-rakkont ta' Adam u Eva, is-serp hu simbolu (*marka*)

   (a) tal-paċi (b) ta' ħakkiem (c) tal-ħażen

**Taqsima 3**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)**



*Mosè kien jirgħa l-merħla ta' ħatnu; u ħa l-merħla 'l hemm fid-deżert, u wasal sa ħdejn il-Ħoreb, il-muntanja ta' Alla. Hawn deherlu l-Anġlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq. Mosè ħares u ra l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm. Mosè qal: "Ħa nersaq u nara din id-dehra tal-għaġeb, għala mhux jinħaraq l-għollieq. Il-Mulej rah riesaq biex jara u Alla sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu: "Mosè, Mosè." U Mosè wieġbu: "Hawn jien!" (Eż 3, 1-4)*

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hija meħuda din is-silta?

   ______________________________________________ (*marka*)

2. X'jisimha l-muntanja li fuqha Alla deher lil Mosè f'forma ta' għollieq jaqbad?

   ______________________________________________ (*marka*)

3. X'talbu jagħmel Alla lil Mosè?

   ______________________________________________ (*marka*)

4. Semmi **żewġ** kastigi li Alla bagħat fuq il-poplu Eġizzjan.

   (a) ______________________________________________ (*marka*)

   (b) ______________________________________________ (*marka*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Għaliex Alla kkastiga lill-Eġizzjani?

____________________________________________________________ (

6. Semmi **wieħed** mill-għeġubijiet li Alla għamel mal-poplu Lhudi fi triqtu lejn l-Art Imwiegħda.

____________________________________________________________ (*marka*)

7. Mosè mexxa l-poplu lejn l-Art Imwiegħda.

(a) Kemm dam il-poplu Lhudi biex wasal f'din l-art?

(b) Taħt liema mexxej daħal fl-Art Imwiegħda l-poplu Lhudi?

(a) ______________________________________________________ (*marka*)

(b) ______________________________________________________ (*marka*)

8. Alla ta s-salvazzjoni lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu.

Min hu s-salvatur li tana l-ħelsien mill-jasar tad-dnub?

____________________________________________________________ (*marka*)

**Taqsima 4**

**Poġġi dawn il-personaġġi bibliċi fil-kolonna t-tajba** **(6 marki)**

Ġesù, Mosè, San Pawl, Ġożwè, Salamun, San Pietru

| **Testment il-Qadim** | **Testment il-Ġdid** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

**Taqsima 5**

**Wieġeb fil-qosor.** **(23 marka)**

1. Għaliex ir-reliġjon hija importanti fil-ħajja tal-bniedem? (A*għti* ***żewġ*** *raġunijiet*)

(a) ______________________________________________________ (*marka*)

(b) ______________________________________________________ (*marka*)

2. Semmi **żewġ** reliġjonijiet kbar li mhumiex Insara.

(a) ______________________________________________________ (*marka*)

(b) ______________________________________________________ (*marka*)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Liema huma l-ewwel tliet kmandamenti li juru x'għandha tkun ir-relazzjoni tagħna ma' Alla?

(a) ______________________________ (*marka*)

(b) ______________________________ (*marka*)

(c) ______________________________ (*marka*)

4. Min huma l-erba' evanġelisti?

(a) __________ (b) __________ (c) __________ (d) __________ (4 *marki*)

5. F'liema talba nistqarru li Ġesù hu veru Alla u veru bniedem?

______________________________ *(marka)*

6. Semmi **żewġ** ħidmiet li Ġesù ta lill-appostli.

______________________________

______________________________*(2 marki)*

7. Semmi **żewġ** ħidmiet li l-Knisja f'Malta qed tagħmel ma' min hu fil-bżonn.

______________________________

______________________________*(2 marki)*

8. Fis-sagrament tal-qrar jinħafrulna dnubietna. Semmi **żewġ** sagramenti oħra li fihom nirċievu wkoll il-maħfra tad-dnubiet.

(a) ______________________________ (*marka*)

(b) ______________________________ (*marka*)

9. F'liema talba nitolbu lil Alla biex jaħfrilna dnubietna bħalma naħfru lill-oħrajn?

______________________________ *(marka)*

10. Il-Ħadd huwa Jum il-Mulej. Ikteb **żewġ** dmirijiet li n-Nisrani għandu jagħmel biex iqaddes dan il-jum.

(a) ______________________________ (*marka*)

(b) ______________________________ (*marka*)

11. Liema huma **ż-żewġ** taqsimiet ewlenin tal-quddiesa?

(a) ______________________________ (*marka*)

(b) ______________________________ (*marka*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima 6**

**(a) Ikteb madwar 40 kelma, fuq KULL WIEĦED minn dawn:** **(20**

*(Bħala għajnuna, tista' tuża l-informazzjoni li għandek taħt.)*

**Abraham -** ________________________________________________



________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________ (*5 marki*)

| | | |
|---|---|---|
| 1800 qabel Kristu | missier il-Poplu Lhudi | jitlaq minn art twelidu |
| fiduċja f'Alla | martu Sara | ibnu Iżakk |

**Żakkew -** ________________________________________________



________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________ (*5 marki*)

| | | |
|---|---|---|
| pubblikan | minn Ġeriko | fittex li jara lil Ġesù |
| ixxabbat ma' tina selvaġġa | Ġesù talbu biex imur għandu | radd lura dak li seraq |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(b) Ikteb madwar 40 kelma, fuq KULL ġrajja:**

*(Bħala għajnuna, tista' tuża l-informazzjoni li għandek taħt.)*

**L-Aħħar Ċena -** ____________________________________________



______________________________________________________________ (*5 marki*)

| | | |
|---|---|---|
| l-ikla tal-Għid | tnax-il appostlu | 'Is-siegħa tiegħi waslet' |
| il-ħobż u l-inbid | il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu | 'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' |

**Il-mara li nqabdet f'adulterju -** ____________________________



______________________________________________________________ (*5 marki*)

| | | |
|---|---|---|
| il-Kittieba u l-Fariżej | x'kienet tgħid il-Liġi | riedu jħaġġruha |
| Ġesù jikteb fit-trab | 'Min hu bla dnub jitfa' l-ewwel ġebla' | Ġesù ħafrilha |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima 7**

**F'madwar 100 kelma b'kollox, wieġeb dawn it-tliet mistoqsijiet:** **(16-il marka)**

1. **Quddiem Ġesù, Tumas jistqarr: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi." (Ġw 20, 28)**
   Ikteb ġrajja **waħda** li biha turi li Ġesù hu veru Alla. (*6 marki*)

2. **Matul ħajtu Ġesù wera sentimenti bħalna l-bnedmin. Hekk, pereżempju, narawh jibki, jifraħ, iħossu mdejjaq u ddispjaċut, jgħejja u jistrieħ, imbeżża'… .**
   Ikteb ġrajja **waħda** mill-Evanġelju li biha turi xi wieħed minn dawn is-sentimenti. (*6 marki*)

3. Ikteb **żewġ** eżempji biex turi x'għandek tagħmel biex tgħix kif jixtieq Ġesù. (*4 marki*)

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers